MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 1/2005/2

**Stephen Kolutrovic**

**vs**

**Maria Dolores armla minn William Micallef,**
**Peter Micallef u Dottor Paul Micallef f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-assenti Elenora *sive* Noreen Leone Ganado**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Lulju, 2008, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Ic-"Chairman" tal-Bord,
>
> Rat ic-citazzjoni in esami li biha l-attur wara li ppremetta illi l-istess attur ghadu kif gie notifikat b'mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet inversi numru 1034/05 (Dok A) skond liema mandat intalab

jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.

Illi mill-imsemmi mandat jidher illi fl-14 ta' Mejju 2005 giet deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag J. Cassar) sentenza fl-ismijiet inversi (Rikors Numru 16/2005) (Dok B) fejn l-attur gie ordnat li jizgombra mill-fond Flat1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.

Illi huwa qatt ma gie notifikat bir-rikors promotur li ta' lok ghas-sentenza a bazi ta' liema qed jintalab l-izgumbrament in kwistjoni.

Illi ghalhekk, kontestwalment, huwa ppresenta citazzjoni fejn qed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet inversi li tat lok ghall-mandat ta' zgumbrament in kwisjtoni u dan ai termini ta' l-artikolu 811(b) tal-kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi skond id-disposizzjoni tal-Kap. 12 relattivi ghal din it-tip ta' azzjoni, ritrattazzjoni ma ggibx maghha s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni.

Illi pero l-artikolu 823(2) tal-Kap, 12 jaghti poter lil din il-Qorti sabiex tordna s-sospensjoni ta' tali esekuzzjoni.

Illi jezistu cirkostanzi biex jimmeritaw tali sospensjoni. Il-fond li minnu qed jintalab li jigu zgumbrat l-attur hija l-unika fond residenza ta' l-attur u kwindi jekk jigi zgumbrat l-attur m'ghandux fejn jirrisjedi. Min-naha l-ohra l-konvenuti mhux qed jitlobu r-riprez tal-fond in kwistjoni sabiex jghixu fih u ghalhekk huwa evidenti illi jekk l-attur jigi zgumbrat ser isofri aktar pregudizzju milli jsofru l-konvenuti jekk l-esekuzzjoni tas-sentenza tigi sospiza u dan kif kontemplat fl-artikolu 823(1) tal-Kap. 12.

Illi kontestwalment huwa qieghed jiddeposita kopja tac-cavetta ta' l-imsemmi fond taht l-Awtorita' tal-Qorti bhala garanzija kif mitlub mill-artikolu 823 (2) (a) tal-Kap. 12 u lest li jaghti kwalunkwe garanzija ohra li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

Il-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti:

i) tordna s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet inversi moghtija fl-14 ta' Mejju 2005 mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag. J Cassar) (Rikors numru 16/2005) sakemm tigi deciza r-ritrattazjoni li giet ippresentata kontestwalment mal-presenti.

Bl-ispejjez u l-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata mill-istess attur (fol 2 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi l-attur ghadu kif gie notifikat b'mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet inversi numru 1034/05 (Dok A) skond liema mandat intalab jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.
2. Illi mill-imsemmi mandat jidher illi fl-14 ta' Mejju 2005 giet deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag. J. Cassar) sentenza fl-ismijiet inversi (Rikors numru 16/2005) (Dok B) fejn l-attur gie ordnat jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.
3. Illi huwa qatt ma gie notifikat bir-rikors promotur li ta lok ghas-sentenza a bazi ta' liema qed jintalab l-izgumbrament in kwistjoni.
4. Illi ghalhekk, kontestwalment, huwa ppresenta citazzjoni fejn qed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet inversi li tat lok ghall-mandat ta' zgumbrament in kwistjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi skond id-disposizzjoni tal-Kap. 12 relattivi ghal din it-tip ta' azzjoni, ritrattazzjoni ma ggibx maghha s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni.
6. Illi pero l-artikolu 823(2) tal-Kap. 12 jaghti poter lil din il-Qorti sabiex tordna s-sospensjoni ta' tali esekuzzjoni.
7. Illi jezistu cirkostanzi biex jimmeritaw tali sospensjoni. Il-fond li minnu qed jintalab li jigu zgumbrat l-attur hija l-unika fond residenza ta' l-attur u kwindi jekk jigi zgumbrat l-attur m'ghandux fejn jirrisjedi. Min-naha l-ohra l-konvenuti mhux qed jitolbu r-ripreza tal-fond in kwistjoni sabiex jghixu fih u ghalhekk huwa evidenti illi jekk l-attur jigi zgumbrat ser isofri aktar pregudizzju milli jsofru l-konvenuti jekk l-esekuzzjoni tas-sentenza tigi sospiza u dan kif kontemplat fl-artikolu 823(1) tal-Kap. 12.
8. Illi kontestwalment huwa qieghed jiddeposita kopja tac-cavetta ta' l-imsemmi fond taht l-Awtorita tal-Qorti bhala garanzija kif mitlub mill-artikolu 823(2)(a) tal-Kap. 12 u lest li jaghti kwalunkwe garanzija ohra li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

Rat kif ukoll il-lista tax-xhieda hemm annessa a fol 3 ibid.

Rat id-dokumenti annessi a fol 5 sa fol 10 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Filwaqt li issir referenza ghas-sentenza moghtija illum stess fl-istess ismijiet (citaz numru 2/05).

Ghall-istess motivi premessi fis-sentenza li ghadha kemm giet citata. Tichad it-talba kif dedotta bl-ispejjes kontra l-attur."

L-appell introdott mill-attur fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza huwa intiz biex din il-Qorti tirrevoka l-

provvediment tal-Bord li permezz tieghu illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju;

Dak li wassal ghal dan il-provvediment kellu l-antecedenti tieghu f'dawn il-verbali rapprezentati minn din is-sekwela:-

(1) 27.06.06 – F'din l-ewwel seduta quddiem il-Magistrat sedenti la dehru l-attur u lanqas id-difensur tieghu. Il-Bord ordna li jigu annessi l-atti tal-mandat ta' zgumbrament Numru 1034/05 konsegwenti ghad-decizjoni tal-Bord, diversament presjedut, ta' l-14 ta' Mejju, 2005;

(2) 3.10.06 – Dehru l-Avukati difensuri u l-attur. Sadanittant l-atti imsemmija kienu ghadhom ma gewx annessi;

(3) 12.12.06 – Deher l-attur sprovvist mill-Avukat tieghu;

(4) 20.03.07 – Deher Dr. Camilleri li informa lil Bord li l-attur kien indispost;

(5) 27.06.07 – La deher l-attur u lanqas l-Avukat difensur tieghu. Dr. Pullicino ghall-konvenuti insista li tinghata sentenza liberatorja a norma ta' l-Artikolu 199 (2) tal-Kapitolu 12;

(6) 2.07.07 – Meta ssejhet il-kawza ma deher hadd u l-Bord ghadda ghal pronunzjament tieghu bazat fuq dik it-talba liberatorja. L-appell prezenti qed isir proprju minn din id-decizjoni;

Irid jizdied ghal kronologija illi din l-istanza tendenti ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' l-14 ta' Mejju, 2005 kienet miexja flimkien ma' dik ta' l-istanza l-ohra (Numru 2/05) quddiem il-Bord ghar-ritrattazzjoni tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12. Din l-ahhar istanza wkoll kellha l-istess ezistu ta' dik odjerna izda minn din l-appellanti talab fil-5 ta' Lulju, 2007 ir-

riappuntament taghha. Din it-talba giet akkolta u l-procedura tar-ritrattazzjoni reghget sabet postha fuq il-lista tal-kawzi ta' l-14 ta' Novembru, 2007. Jigi osservat illi talba konsimili ma jidherx li saret fil-kaz ta' din l-istanza u intant sar dan l-appell mid-decizjoni;

Jibda biex jinghad ghal kull bwon fini illi l-effetti tad-decizjoni li ordnat il-liberazzjoni ma ggibx ghal daqshekk gudizzju definittiv fil-mertu. Jinghad a propozitu illi "meta d-dispozitiv tas-sentenza jikkonsisti sempliciment f'liberazzjoni *ab observantia* huwa guridikament inkoncepibbli li ghal dak id-dispozitiv, merament ritwali, jigu sostitwiti l-konsiderandi tas-sentenza bhala decizjoni fil-mertu u ghalhekk, meta s-sentenza tkun illiberat *ab observantia* ma jistax jinghad li kien hemm gudikat vinkolanti bejn il-partijiet u l-kwestjoni ghandha tigi konsiderata *ex novo*" ("**Louis Borg -vs- Orlando Debono**", Appell Civili, 27 ta' April, 1953);

Premess dan, gjaladarba, kif gja nghad, ma ntalabx ir-riproposizzjoni ta' l-istanza, hu d-dover ta' din il-Qorti li toffri s-soluzzjoni ghall-gravam lilha devolut;

Jidher li l-ligi procedurali, fejn issir talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza flimkien ma' talba separata biex il-kawza tigi ritrattata, hi fis-sens illi fl-ezami li t-tribunal ikun irid jikkonduci fit-termini ta' l-Artikolu 823 (2) (b) – dan apparti, s'intendi, il-kwestjoni tal-garanzija skond is-subparagrafu (a) ta' l-istess artikolu – hu dak li jara jekk l-ezekuzzjoni tas-sentenza ggibx pregudizzju akbar lil dik il-parti li titlob is-sospensjoni milli t-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tkun tikkaguna lil parti kuntrarja;

Fil-hsieb ta' din il-Qorti l-<u>pregudizzju</u>, ghal liema tirreferi n-norma tal-ligi, ghandu jigi valutat bil-mod segwenti. <u>Soggettivament</u>, irid jigi evalwat jekk jezistix sproporzjon bejn il-vantagg ghal parti vincenti vis-a-vis il-parti sokkombenti. <u>Oggettivament</u>, irid jigi apprezzat jekk il-

qaghda tkunx tista' tigi re-integrata fl-istat *ante quo* l-ezekuzzjoni fil-kaz li s-sentenza, li l-kawza taghha tkun qed tigi ritratta, tigi kassata. Tezisti raguni ghal dan. Ir-*ratio* hu dak li wiehed jevita r-riskju ta' konflitt bejn il-gudikati fl-ipotesi li r-ritrattand ikun talvolta vincenti;

Fejn jitratta minn decizjoni li tkun ordnat l-isfratt minn fond jidher li l-orjentament gurisprudenzjali hu dak li, sakemm ma jkunux jikkonkorru *prima facie* ragunijiet tassew gravi jew irriparabbli, il-pregudizzju ta' min ikun kolpit bl-izgumbrament huwa aktar minn dak li jkun ser jirriprendi l-fond. Ara f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet "**George Pavia -vs- Joseph Micallef**", Appell Civili, 4 ta' Mejju, 1992; "**Giusa Bugeja -vs- Isidoro Agius**", Appell Civili, 17 ta' Marzu, 1993 u "**Palmar Limited -vs- Victor Ciantar**", Appell Inferjuri, 10 ta' Jannar, 2003;

Wisq ragonevolment, filwaqt li din il-Qorti qeghda tirraviza dan kollu bil-konsiderazzjonijiet suesposti, ma jispettax lilha li tivvaluta l-opportunita` u l-legittimita tat-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza f'dan il-kaz. Jinkombi lill-appellanti li jiddemostra dan "ghas-sodisfazzjoni tal-qorti" [Artikolu 823 (2) (b)] biex dak ir-reklam tieghu jkun jista' jigi akkolt. Dan ghaliex, ukoll, is-sospensjoni hi wahda fakoltativa u tiddipendi mill-apprezzament tal-fattezzi singolari tal-kaz u dik ta' l-identifikazzjoni tal-pregudizzju. Ezami bhal dan ikollu jsir, allura, mill-Bord adit mill-mertu tat-talba.

Ghal motivi kollha suesposti din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata bl-ispejjez li, in vista tac-cirkustanzi maghrufa, ghandhom jibqghu sopportabbli mill-appellanti. L-atti qeghdin finalment jintbaghtu lura lill-Bord ghad-definizzjoni u decizjoni tat-talba fil-mertu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------